

sistema ta' pubbliċità u ta' kontroll tal-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jaħdmu part-time, li tikkonsisti fil-formulazzjoni u l-konservazzjoni obbligatorji, taħt piena ta' sanzjoni kriminali jew amministrattiva, ta' dokumenti li jindikaw il-ħin tax-xogħol eżatt ta' kull ħaddiem

### Dispożittiv

Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time anness mad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq min iħaddem obbligi ta' konservazzjoni u ta' pubbliċità tal-kuntratti u tal-ħinijiet tal-ħaddiema part-time jekk jiġi stabbilit li din il-leġiżlazzjoni ma twassalx sabiex dawn tal-aħħar jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema full-time li jinsabu f'sitwazzjoni kumparabbli jew, jekk tali differenza ta' trattament teżisti, jekk jiġi stabbilit li din hija ġġustifikata b'raġunijiet oġġettivi u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet intiżi.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmel il-verifiki fattwali u ġuridiċi neċessarji, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt nazzjonali applikabbli, sabiex tevalwa jekk tali huwiex il-każ fil-kawża li għandha quddiemha.

Fl-ipoteżi fejn il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija inkompatibbli mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time anness mad-Direttiva 97/81, ikun hemm lok li l-klawżola 5(1) tiegħu tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi wkoll tali leġiżlazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 19.06.2010.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-8 ta' April 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Craiova — ir-Rumanija) — Administrația Finanțelor Publice a Municipiului Târgu-Jiu, Administrația Fondului pentru Mediu vs Victor Vinel Ijac**

(Kawża C-336/10) (<sup>1</sup>)

(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Impożizzjonijiet interni — Artikolu 110 TFUE — Taxxa fuq l-inkwinament imposta mal-ewwel reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur)

(2011/C 211/13)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Craiova

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Administrația Finanțelor Publice a Municipiului Târgu-Jiu, Administrația Fondului pentru Mediu

Konvenuta: Victor Vinel Ijac

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Curtea de Apel Craiova — Reġistrazzjoni ta' vetturi użati li kienu diġà ġew irreġistrati fi Stati Membri oħra — Taxxa ambjentali fuq vetturi bil-mutur li jkunu qegħdin jiġu rreġistrati għall-ewwel darba fi Stat Membru speċifiku — Kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-Artikolu 110 TFUE.

### Dispożittiv

L-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi Stat Membru milli jistabbilixxi taxxa fuq l-inkwinament fuq vetturi bil-mutur li jkunu qegħdin jiġu rreġistrati għall-ewwel darba f'dan l-Istat Membru, jekk din il-miżura fiskali tiġi applikata b'mod li tiskoraggi t-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni, fl-imsemmi Stat Membru, ta' vetturi użati mixtrija fi Stati Membri oħra, mingħajr madankollu ma jiġi skoraġġut ix-xiri ta' vetturi użati tal-istess numru ta' snin u tal-istess użu fis-suq nazzjonali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 274, 09.10.2010.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' Marzu 2011 — Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Stabilator sp. z o.o.**

(Kawża C-418/10 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Trade mark preċedenti STABILAT — Sinjal figurattiv "stabilator" — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh bejn prodotti u servizzi)

(2011/C 211/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellanti: Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH (rappreżentanti: A. Zinnecker u S. Müller, avukati)

Appellata: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent), Stabilator sp. z o.o. (rappreżentant: M. Kacprzak, radca prawny)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-7 ta' Lulju 2010, Herhof vs UASI — Stabilator (T-60/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors ippreżentat mill-proprietarju tat-trade mark Komunitarja verbali STABILAT, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1, 7, 11, 20, 37, 40 u 42, kontra